*Artikolu 811(b) u 960(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Kwalita` tal-intervenut fil-kawza ai fini tal-artikolu 811(b)*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017.**

**Numru 26**

**Rikors Numru 1008/11 TA**

**Wara r-rikors guramentat numru 19/08AE fl-ismijiet:-**

**Maurice Agius**

**vs**

**Ryan Dimech u b'digriet moghti fit- 2 ta' Gunju 2011 il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-kumpannija Elmo Insuance Limited tintervjeni in statu et terminis**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-Socjeta` ritrattanti Elmo Insurance Limited ipprezentat u mahluf mill-Avukat Alessia Zammit Mckeon fl-14 ta' Ottubru, 2011, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"Illi permezz ta' rikors guramentat fl-ismijiet *Maurice Agius versus Ryan Dimech*, prezentat fid-9 ta' Jannar 2008 [Rikors Numru 19/2008], Maurice Agius talab lill-intimat Ryan Dimech jigi dikjarat responsabbli ghal incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta' Gunju 2007 fi Triq Dun Karm, Iklin bejn il-vettura tal-istess Maurice Agius u li ggib in-numru ta' registrazzjoni, HRS 008 u l-vettura EAF 429, misjuqa minn Ryan Dimech;

Illi l-istess Maurice Agius talab li d-danni minnu subiti kellhom jigu likwidati fl-ammont ta' €26,737.02, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra s-socjeta` Ritrattanti u bl-imghax legali mid-data tal-intavolar tal-proceduri *de quo*;

Illi, fil-mument tal-precitat incident, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAF-429 kienet assigurata mas-socjeta` rikorrenti Elmo Insurance Limited ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Frar 2008, ir-rikorrent Maurice Agius gharraf, ghall-finijiet u effetti kollha tal-istess Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, lis-socjeta` Ritrattanti Elmo Insurance Limited li kienet giet istitwita l-kawza fil-konfront ta' Ryan Dimech, kif premess [anness u markat bhala Dokument "ELM 1"];

Illi permezz ta' rikors prezentat fit-3 ta' Marzu 2008, is-socjeta` Ritrattanti Elmo Insurance Limited talbet li tintervjeni *in statu et terminis* fl-imsemmija kawza in kwantu hija kellha interess fl-ezitu tal-istess kawza bhala assiguratrici tal-vettura misjuqa minn Ryan Dimech, liema interess kien jikkonsisti fil-verifika tar-responsabilita` ghall-incident, fil-verifika tal-*quantum* u tan-natura tad-danni reklamati [anness u markat bhala Dokument "ELM 2"];

Illi permezz ta' digriet datat 8 ta' Gunju 2010, il-kawza fl-ismijiet premessi giet appuntata ghas-smiegh ghat-23 ta' Novembru 2010 fid-9:00am;

Illi s-socjeta` Ritrattanti Elmo Insurance Limited, minkejja li kienetipprezentat il-precitat rikors datat 3 ta' Marzu 2008, ma gietx notifikata bil-mozzjoni tal-appuntament;

Illi effettivament jirrizulta mill-process tal-kawza precitata illi ma sar l-ebda tentattiv sabiex is-socjeta` Ritrattanti tigi notifikata bil-mozzjoni tal-appuntament;

Illi l-intimat Ryan Dimech, minkejja li debitament notifikat, baqa' kontumaci;

Illi fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2011, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili iddekretat ir-rikors tal-Ritrattanti datat 3 ta' Marzu 2008 u laqghet it-talba tas-socjeta` esoponenti Elmo Insurance Limited ghall-intervent taghha *in statu et teminis*;

Illi lanqas f'dan l-istadju, wara l-akkoljiment tal-precitat rikors datat 3 ta' Marzu 2008, ma sar l-ebda tentattiv sabiex is-socjeta` Ritrattanti Elmo Insurance Limited tigi notifikata ai termini tal-ligi bid-data tad-differiment li kien imiss;

Illi l-kawza giet differita ghat-8 ta' Lulju 2011 ghall-provi kollha tar-rikorrent Maurice Agius;

Illi sussegwentement, il-kawza regghet giet differita ghall-15 ta' Lulju 2011 sabiex *jekk dakinhar ma jidhirx il-konvenut u lanqas l-intervenut, tinghata sentenza*;

Illi, kif gia` inghad, is-socjeta` Ritrattanti Elmo Insurance Limited **qatt ma giet notifikata** bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza precitata, **ma kienetx taf** li kien inbeda s-smiegh tal-istess, u **wisq inqas kienet taf li r-rikors taghha ghall-intervent *in statu et terminis* gie milqugh**;

Illi kien proprju ghalhekk li s-socjeta` Ritrattanti Elmo Insurance Limited ma attendietx ghas-smiegh tal-kawza precitata;

Illi fil-15 ta' Lulju 2011, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, **minghajr il-konsapevolezza tas-socjeta` Ritrattanti Elmo Insurance Limited**, ippronunzjat sentenza li biha laqghet it-talbiet ta' Maurice Agius billi ddikjarat illi l-incident *de quo* sehh unikament tort tal-konvenut Ryan Dimech, illikwidat id-danni subiti mill-istess fis-somma ta' €23,286.87 u kkundannat lill-istess Ryan Dimech sabiex ihallas l-ammont hekk likwidat, bl-imghax dekorribbli mid-data tas-sentenza;

Illi s-socjeta` Ritrattanti Elmo Insurance Limited saret taf bl-imsemmija sentenza datata 15 ta' Lulju 2011 permezz ta' ittra legali datata 6 ta' Settembru 2011 mibghutha lilha minn Maurice Agius u li permezz taghha l-istess socjeta` Ritrattanti giet interpellata thallas l-ammont likwidat a favur tieghu, bl-imghaxijiet u l-ispejjez gudizzjarji skont is-sentenza imsemmija [anness u markat bhala Dokument "ELM 3"];

Illi konsegwentement ghan-nuqqas tan-notifika tas-socjeta` rikorrenti Elmo Insurance Limited bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza precitata jew eventwalment bid-data tad-differiment li kien imiss wara li hija giet ammessa li tintervjeni *in statu et terminis*, jissussistu l-elementi preskritti mill-Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-precitata sentenza datata 15 ta' Lulju 2011 tigi mhassra u l-kawza fl-ismijiet *Maurice Agius versus Ryan Dimech u b'digriet moghti fit-2 ta' Gunju 2011 il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-kumpannija Elmo Insurance Limited tintervjeni in statu et terminis* [Rikors Guramentat Numru 19/2008] tigi ritrattata;

Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta Ritrattanti Elmo Insurance Limited titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara li konsegwentement ghan-nuqqas tan-notifika tas-socjeta` Ritrattanti Elmo Insurance Limited bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza fl-ismijiet *Maurice Agius versus Ryan Dimech u b'digriet moghti fit-2 ta' Gunju 2011 il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-kumpannija Elmo Insurance Limited tintervjeni in statu et terminis* (Rikors Guramentat Numru 19/2008) jew eventwalment bid-data tad-differiment li kien imiss wara li hija giet ammessa li tintervjeni *in statu et terminis*, jissussistu l-elementi preskritti mill-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex issir ir-ritrattazzjoni tal-istess kawza;

2. Konsegwentement, a tenur tal-precitat Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, thassar is-sentenza fl-ismijiet *Maurice Agius versus Ryan Dimech u b'digriet moghti fit-2 ta' Gunju 2011 il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-kumpannija Elmo Insurance Limited tintervjeni in statu et terminis* (Rikors Guramentat Numru 19/2008) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 2011;

3. Konsegwentement, a tenur tal-precitat Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet *Maurice Agius versus Ryan Dimech u b'digriet moghti fit-2 ta' Gunju 2011 il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-kumpannija Elmo Insurance Limited tintervjeni in statu et terminis* (Rikors Guramentat Numru 19/2008) sabiex din tigi deciza skont il-ligi.

Bl-ispejjez a karigu ta' Maurice Agius, li qed jigi ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni tieghu."

Rat ir-risposta guramentata tar-Ritrattat Maurice Aguis, minnu prezentata u mahlufa fl-4 ta' Novembru 2011 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mill-mument li s-socjeta` Elmo Insurance Services Ltd. giet awtorizzata tintervjeni in statu et terminis kienet responsabilita` taghha li ssegwi l-kawza.

2. Illi hawn si tratta ta' sitwazzjoni fejn l-intervenut fil-kawza ghamel tali talba sabiex jikkawtela l-interess tieghu minhabba l-fatt li l-initmat Ryan Dimech baqa' kontumaci;

3. Ghalhekk ma japplikawx l-estermi sabiex din il-Qorti tilqa' t-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza kif mitlub mir-rikorrenti."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-Qorti tat-8 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2017, fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Fil-kawza fl-ismijiet Maurice Aguis -vs- Ryan Dimech (Prim' Awla Qorti Civili Rikors numru 19/2008), Maurice Agius talab li Ryan Dimech, l-assigurat tas-Socjeta` ritrattanti jigi kkundannat ihallsu d-danni sofferti b'konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li okkorra fis-26 ta' Gunju 2007.

**2.** Konformement ma' dak li jitlob l-artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, b'ittra ufficjali tal-14 ta' Frar 2008, l-imsemmi Maurice Agius informa lis-Socjeta` ritrattanti li kien istitwixxa l-opportuni proceduri kontra l-imsemmi Ryan Dimech.

**3.** Bhal ma solitalment jigri f'kawzi ta' din ix-xorta, is-Socjeta` ritrattanti assikuratrici interessata, permezz ta' rikors tat-3 ta' Marzu 2008 talbet li tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza imsemmija. Meta l-imsemmi rikors ma kienx ghadu dekretat, il-kawza giet appuntata ghat-23 ta' Novembru 2010 fid-9.00am. Il-konvenut Ryan Dimech baqa' kontumaci.

**4.** Ir-rikors tat-3 ta' Marzu 2008 gie dekretat fit-2 ta' Gunju 2011 fis-sens li s-Socjeta` ritrattanti giet ammessa biex tintervjeni fil-kawza. Fit-8 ta' Lulju 2011 il-kawza thalliet ghall-provi kollha ta' Maurice Aguis u cioe` r-ritrattat fil-kawza. Wara thalliet ghall-15 ta' Lulju 2011 u f'kaz li la jidhru l-konvenut, cioe` Ryan Dimech u l-anqas l-intervenut, cioe` s-Socjeta` ritrattanti, tinghata sentenza. Di fatti fil-15 ta' Lulju 2011 stess inghatat sentenza li biha kkundannat lill-imsemmi Ryan Dimech ihallas id-danni, l-ispejjes tal-kawza u l-imghaxijiet.

**5.** Fis-6 ta' Settembru 2011, is-Socjeta` ritrattanti irceviet ittra legali minghand Maurice Agius, ir-ritrattat, sabiex jithallsu l-ammont ta' danni likwidati bis-sentenza sucitata oltre spejjes u imghaxijiet skont il-ligi.

**6.** Ghalhekk is-Socjeta` ritrattanti ghamlet din il-kawza peress li qeghdha tikkontendi li ghandha dritt ta' ritrattazzjoni minhabba li la kienet notifikata bl-ewwel mozzjoni tas-smiegh tal-kawza u kif ukoll ghaliex wara li t-talba taghha biex tintervjeni fil-kawza giet milqugha, ma gietx notifikata bid-differiment li kien imiss.

<u>**Punti ta' ligi**</u>

**7.** Il-punti ta' ligi li din il-Qorti qeghdha tkun adita biex tikkunsidra f'din il-kawza huma bazikament tnejn:-

**8.** L-ewwel punt krucjali ghall-kawza huwa jekk is-Socjeta` ritrattanti qua intervenuta fil-kawza ai termini tal-Artikolu 960(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, taqax fid-definizzjoni ta' "wahda mil-partijiet li jkollha interess" ai fini tal-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li allura ghandha tibbenifika minn dan l-Istitut.

**9.** U jekk l-ewwel punt jkun sorvolat, it-tieni wiehed jirrigwarda l-kwistjoni ta' notifika kif fuq inghad.

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** Din il-Qorti tibda biex tosserva li ma hemmx dubbju li ai fini tal-kawza li qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha, l-intervenut fil-kawza – a differenza tal-kjamat in kawza – huwa f'posizzjoni differenti minn partijiet ohra fil-kawza. L-intervenut la hu attur u anqas konvenut, ma jistax jigi kkundannat u anqas liberat, u ghalhekk f'dan is-sens jista' jinghad li ma hux parti fil-gudizzju bejn l-attur u l-konvenut (ara sentenza tas-7 ta' Novembru 1988 fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff***). Ghalkemm irid jinghad li l-Artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghall-intervenut bhala "parti fil-kawza". Di piu` dawn il-Qrati dejjem insenjaw li l-intervenut jintervjeni biex jipprotegi l-interess tieghu (ara, *obiter*, ***Constantino sive Lino Grech et vs Onor. Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona et*** Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Frar 1996).

**11.** Ai fini biss tal-kawza li qed jintalab li tkun ritrattata, l-interess legali tas-Socjeta` ritrattanti qua intervenuta f'dik il-kawza, huwa ukoll accentwat b'dak li jiddisponi l-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta come si tratta ta' Socjeta` assiguratrici. Ghalkemm huwa minnu li l-intervenut ma jistax jigi kkundannat, minhabba konsegwenzi u l-effetti ta' dik il-ligi, is-Socjeta` ritrattanti xorta kienet ser tkun obbligata thallas dawk l-ammonti likwidati in linea ta' danni, flimkien mal-ispejjes tal-kawza u imghaxijiet, li ghalihom ikun

gie ikkundannat ihallas l-assikurat taghha permezz ta' sentenza li tkun marret in gudikat, in virtu tal-artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

**12.** In sostenn ta' dan, anke l-Qorti li pronunzjat is-sentenza fil-kawza l-ohra, mertu ta' dawn il-proceduri, meta fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2011 tat id-digriet li permezz tieghu ammettiet lis-Socjeta` ritrattanti tintervjeni f'dawk il-proceduri, innotat dan l-interess partikulari taghha u propju qalet hekk:-

> "… … Peress li jidher li **s-Socjeta` Elmo Insurance Limited ghandha interess iktar u iktar meta tqis li l-Konvenut baqa' kontumaci**, il-Qorti tilqa' it-talba biex l-istess Kumpanija tintervjeni fil-kawza". (kliem in grass ta' din il-Qorti)

**13.** Dan ifisser, li fil-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa wiehed ta' karattru sui generis. Ghalkemm l-intervenut fil-kawza ma jista' jkun qatt ikkundannat b'mod dirett mill-Qorti bhal kull konvenut kwalunkwe, anke jekk dan tal-ahhar ikun kjamat fil-kawza, xorta wahda jrid jaghmel tajjeb ghall-effetti kollha tas-sentenza bis-sahha ta' ligi specjali u cioe` li jhallas l-ammont ta' danni, spejjes u imghaxijiet li jkun gie kkundannat ihallas l-assigurat taghha b'sentenza li marret in gudikat.

**14.** Ma hemm ebda dubbju, li meta dik il-Qorti esprimiet ruhha f'dak is-sens, kellha f'mohhha l-effetti tal-Artikolu 10(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn hawn jemergi, li l-figura tas-Socjeta` assiguratrici bhala

intervenut fil-kawza, f'kawzi ghad-danni naxxenti minn incidenti awtomobilistici, hija wahda sui generis.

**15.** Dak appena spjegat aktar 'l fuq hija regola eccezzjonalissima ghall-effetti li jipproduci l-gudikat, meta wiehed jiftakar li l-artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi bl-aktar mod car li:-

> "Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza".

**16.** Kwindi anke eccezzjoni ghall-principju kuntrattwali ta' *res inter alios acta, nec nocet nec prodest* (ara Artikolu 1001 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Izda altru l-interess guridiku tal-intervenut f'kawza ordinarja ai fini tal-Artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u altru l-interess guridiku rikjest taht Artikolu 811(b) tal-istess Kap. Ir-rikors ghal dan l-istitut huwa gustifikat f'kazijiet eccezzjonalissimi u l-ezami, flimkien mal-applikazzjoni tieghu, ghandu jkun wiehed rigoruz. Fuq stregwa ta' kwantita` ta' sentenzi ta' dawn il-Qrati, id-distruzzjoni u l-qerda ta' gudikat hija accettabbli biss f'dawk ic-cirkostanzi limitatissimi u elenkati b'mod ezawrenti f'artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**17.** Fis-sentenza fl-ismijiet:- **Law. Quintano Foodservice Ltd Gia' Prepack -vs-Anton Debono, Prim Awla per Imhallef Joseph R. Micallef**

**tat-8 ta' Mejju 2003,** dik il-Qorti fuq insenjament ta' sentenzi ohrajn qalet hekk:-

> "Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju li jolqot sentenza li tkun saret gudikat. Huwa essenzjali f'kull sistema ta' dritt, li sentenza ghandha tkun l-ahhar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn partijiet fi kwestjoni, u s-sahha taghha titqies bhala s-sewwa maghruf (pro veritate habetur). Kif inghad, l-effikacja guridika u socjali tal-gudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u minghajr limiti, l-parti telliefa terga' tqajjem il-kwestjoni u tiftahha. Huwa ghalhekk, il-legislatur ried li jaghti espressament, b'mod tassativ u f'dawn it-termini biss ir-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista' tigi attakkata u mwaqqa' wara li tkun saret gudikat. B'dan il-mod, jekk ghal kaz partikolari ma japplikawx ir-rimedji eccezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m'hemm l-ebda mod kif titwaqqa' sentenza li ghaddiet in gudikat." (Ara ukoll **Q.K. 16.12.1915 fil-kawza fl-ismijiet *Harrison noe* , Kollez. Vol: XXII.iii.235)**

**18.** Ghalhekk fid-dawl ta' dan it-taghlim, fil-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti ma tistax ma tosservax is-segwenti. L-effetti li qeghdha tilmenta minnhom is-Socjeta` ritrattanti jirrigwardaw talba li ghamlet biex tintervjeni fil-kawza l-ohra permezz tar-rikors taghha tat-3 ta' Marzu 2008 kif fuq spjegat. Qeghdha ghalhekk tilmenta, li wara li intavolat dak ir-rikors, qatt ma kienet giet notifikata fl-ewwel lok bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza li qed titlob

ir-ritrattazzjoni taghha jew fit-tieni lok, eventwalment bid-data tad-differiment li kien imiss wara li hija giet ammessa li tintervjeni *in statu et terminis*.

**19.** Sa fejn jirrigwarda l-ilment tas-Socjeta` ritrattanti li ma kienitx notifikata bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza, jrid jigi innotat dan li gej. Hi qatt ma setghet tkun notifikata b'dik il-mozzjoni ghaliex sa dak in-nhar ma kienetx ghadha akkwistat il-kwalita` ta' intervenut u dan ghaliex it-talba taghha ma kienitx ghadha dekretata. It-talba saret fis-17 ta' April 2008 (ara a` fol 23 tal-kawza l-ohra) mentri it-talba taghha kienet milqugha fit-2 ta' Gunju 2011 (a` fol 59 tal-kawza l-ohra), u dan meta l-mozzjoni ghall-appuntament tal-kawza kienet ghat-23 ta' Novembru 2010 (ara fol 35 u 36 tal-kawza l-ohra).

**20.** Jista' jkun li s-Socjeta` ritrattanti ghandha ghalfejn tilmenta dwar id-dewmien biex kien dekretat ir-rikors taghha fuq imsemmi. Izda dan il-fatt ma ghandu ebda siwi legali ai fini tal-proceduri odjerni, semmai f'xi kamp iehor legali. Izda indipendentement minn dan kollu, is-Socjeta` ritrattanti ma ghandhiex ragun ukoll ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel, dwar l-elementi tal-Istitut ta' ritrattazzjoni.

**21.** L-ilment l-iehor tas-Socjeta` ritrattanti jirrigwarda l-fatt li ma kienitx notifikata bid-differiment li gie wara s-seduta tat-2 ta' Gunju 2011, f'liema seduta giet akkolta t-talba taghha biex tintervjeni. Kif intqal aktar 'l fuq, u cioe` li f'dan il-kaz, il-figura tal-intervenut hija sui generis ghaliex xorta

vinkolata bil-gudikat, u fil-waqt li tifhem l-esasperazzjoni taghha dwar kif giet kondotta dik il-kawza, minn ezami mill-qrib tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata l-azzjoni esperita, xorta jinghad, li anke hawn is-Socjeta` ritrattanti ma ghandhiex ragun legalment.

**22.** Jibda biex jinghad li Artikolu 811(b) fuq imsemmi jipprovdi testwalment hekk:-

> "jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza".

**23.** Din hija wahda mir-ragunijiet ghalfejn tista' tintalab ritrattazzjoni u fil-fatt din hija l-unika raguni li gabet is-Socjeta` ritrattanti fil-kawza odjerna sabiex tigi ritrattata l-kawza l-ohra. Iz-zewg kwalifiki importanti li jincidu fuq l-apprezzament guridiku li trid taghmel din il-Qorti fil-kawza odjerna huma dawn: li jrid jkollha quddiemha **rikors guramentat** li ma jkunx gie notifikat **lill-parti telliefa.**

**24.** Lil din il-Qorti ma rrizultalhiex, li kien hemm xi rikors guramentat tas-Socjeta` ritrattanti li ma kienx notifikat lilha fil-kawza l-ohra. L-uniku rikors guramentat li kien hemm f'dik il-kawza kien gie debitament notifikat lill-Konvenut bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni. L-uniku rikors li pprezentat is-Socjeta` ritrattanti f'dik il-kawza kien dak prezentat fit-3 ta' Marzu 2008 sabiex tintervjeni. Din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju, li r-

rikors guramentat li kellu f'mohhu l-legislatur fl-artikolu msemmi huwa dak li jinsab f'Titolu II ta' Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Tant dan huwa minnu, li qabel ma saru l-emendi estentivi ghal dan il-Kap tal-Ligi, minflok rikors guramentat kienet tissema' c-Citazzjoni u cioe` il-mod ordinarju ta' kif jigu istitwiti kawzi quddiem il-Qrati. L-anqas ma tista' din il-Qorti, ma testendi dak li talbet u bil-mod li talbitu s-Socjeta` ritrattanti, l-effetti tal-artikolu sucitat bis-sahha tal-principju tal-ekwipollenza ghaliex it-test tal-ligi huwa car u ma jhalli ebda spazju ghal xi xorta ta' interpretazzjoni.

**25.** Apparti dan kollu, biex persuna tkun tista' tibbenifika mix-xorta ta' ritrattazzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti, irid ikollha l-kwalifika ta' "parti telliefa" fil-kawza li tkun saret gudikat. Kif diga` gie spjegat aktar 'l fuq, l-intervenut fil-kawza fuq skorta ta' lista twila ta' sentenzi, ma hux meqjus bhala parti fil-kawza ghaliex la jista' jkun illiberat u wisq anqas **ikkundannat**. Ghalhekk l-intervenut fil-kawza qatt ma jista jkun tellief fil-kawza ai fini tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**26.** B'konsegwenza ta' dan ir-ragunament, is-Socjeta` ritrattanti ma tissodisfax iz-zewg kwalifiki fuq spjegati. Aktar minn hekk, biex persuna tkun tista' tibbenefika minn din ix-xorta ta' ritrattazzjoni, trid tissodisfa dawn il-kwalifiki b'mod kumalattiv u mhux alternattivament. Dan ifisser, li s-Socjeta` ritrattanti ma tistax tirnexxi fl-azzjoni taghha ghaliex kif qal il-Intimat ritrattat

fit-tielet eccezzjoni tieghu, din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghal ritrattazzjoni peress li ma jesistux l-elementi biex tkun ammessa.

**27.** Izda qabel ma din il-Qorti tghaddi ghad-decizjoni taghha, tixtieq taghmel din l-osservazzjoni dwar il-mertu ta' din il-kawza.

**28.** Kif diga` gie osservat aktar 'l fuq, l-intervenuti fil-kawza bhal ma hi s-Socjeta` ritrattanti, f'kazijiet ta' incidenti b'vetturi, ghandhom posizzjoni sui generis. Ir-raguni ghal din l-osservazzjoni giet amplifikata aktar qabel. Din il-Qorti thoss, li in vista ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta, fejn si tratta persuni jew Socjetajiet assikuratrici, ghandu jkun hemm ineervent legislattiv biex il-beneficcji u salvagwardji taht Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jkunu estizi ghal sitwazzjonijiet bhal dik odjerna.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:

Fil-waqt li qeghdha **tilqa**' it-tielet eccezzjoni tal-intimat ritrattat, **tichad** it-talbiet kollha tas-Socjeta` ritrattanti.

Minhabba l-aspetti innovattivi ta' din il-kawza, l-ispejjes tal-istess ghandhom jinqasmu indaqs bejn il-partijiet.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn jirrigwarda kumpaniji assikuratrici f'kazijiet ta' xorta odjerna, tordna li kopja ta' din is-sentenza tkun a kura tar-Registratur tal-Qrati, notifikata lill-Kummissjoni Dwar il-Ligijiet.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**